**20 ta' Mejju, 1963.**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.**
**Onor. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Giovanni Spiteri et.

*versus*

Reverendissimu Monsinjur Kanoniku
Kapitolari Don Giorgio Cefai.

**Bord tal-Kera — Art. 10 (a) Kap. 109 — Morosita — Depożitu tal-Kera — Kondizzjonijiet fiċ-Ċedola — Interpellazzjoni għal Ħlas**

*Il-morosita għal-finijiet tal-art.* 10 (*a*) *Kap.* 109 *ma hijiex proprjament nuqqas ta' ħlas sic et simpliciter, imma nuqqas ta' ħlas fit-terminu preskritt dekorribili mill-interpellazzjoni.*

*Għalkemm il-ġurisprudenza u d-dottrina jammettu li f'depositu tal-kera, jistgħu isiru riservi li huma konnaturali għall-obbligazzjoni, pero d-depositu għandu jkun liberu, u ma tista issir fih ebda kondizzjoni jew riserva li tippreġjudika lill-kreditur.*

Il-Qorti, rat ir-rikors quddiem il-Bord li jirregola l-Kera għal Għawdex, li bih ir-rikorrenti ppremettew li l-awtur tagħhom kien kera lill-imsemmi Monsinjur Don Giuseppe Cefai, ad użu ta' ħanut, il-post b'żewġ bibien wieħed numru 38, Trieq Michel'Angelo Regalo, u l-ieħor Trieq Adrian Dingli, Victoria Gozo, bil-kera ta' seba liri (£7) fis-sens, pagabli kull sena b'lura f Santa Maria, — illi l-imsemmi Mons. Don Giuseppe Cefai miet u ħalla bħala eredi universali tiegħu lill-intimat, u illi dan l-intimat ilu ma' jħallas kera għal xi sitt snin, nonostanti l-insistenzi tar-rikorrenti għal pagament — talbu biex il-Board jawtorizzahom jirriprendu possess tal-fond fuq imsemmi minħabba morożita tal-intimat.

Rat ir-risposta tal-intimat, fejn issottometta illi da parti tar-rikorrent ma kien hemm qatt interpellazzjonijiet validi għal fini tal-morożita, — illi, wara rifjut da parti tar-rikorrenti, il-kera kellu jiġi depożitat biż-żewġ ċedoli eżibiti — illi l-kawżali tal-morożita hi għalhekk infondata kif kienet dik tas-sullokazzjoni.

Rat is-sentenza ta' dak il-Bord tas-6 ta' Frar, 1963, li biha ġiet miċħuda t-talba tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħhom. Dak il-Bord ikkunsidra:

Omissis . . . . . . . .

Rat ir-rikors tar-rikorrenti aħwa Spiteri u aħwa Galea, li biha huma appellaw minn dik is-sentenza, u talbu li tiġi revokata, u li minflok jiġu milqugħa t-talbiet, bl-ispejjeż tal-ewwel u t-tieni istanza.

Rat ir-risposta tal-appellat, li għar-raġunijiet esposti fiha, talbu li l-appell jiġi miċħud bl-ispejjeż.

Trattat l-appell.

Ikkunsidrat:—

L-istanza hi bażata fuq l-art. 10 (a) tal-Kap. 109 Ediz. Riv. Anki kieku ż-żewġ depożiti, magħmulin skond id-dokumenti fol. 4 u 5, kellhom jitqiesu legalment validi u ekwivalenti għal pagament, dejjem kien ikollu jiġi ndagat jekk, fil-każ li kien hemm interpellazzjonijiet għal ħlas, dan il-ħlas sarx, sija pure b'depożitu validu, fiż-żmien indikat fl-artikolu ċitat, għax il-morożita, għal finijiet ta' dak l-artikolu, ma hijiex proprjament nuqqas ta' ħlas **sic et simpliciter**, imma nuqqas ta' ħlas fit-termini preskritt dekorribbli mill-interpellazzjoni (Collez. XXXIII — I — 268). Iżda, dina l-indaġini — kif ukoll kwistjonijiet oħra ta' dritt dwar dawk id-depożiti — ma hemmx bżonn li jiġu affrontati, għaliex, fil-fehma ta' din il-Qorti, dawk id-depożiti huma intakkati b'difett li jirrendihom invalidi bħala pagament liberatorju.

Għalkemm il-ġurisprudenza u d-dottrina jammettu li f'depożiti simili jistgħu jsiru riservi li huma **kon-naturali għal obbligazzjoni**, per tutt'altro d-depositu għandu jkun liberu, u ċertament ebda kondizzjoni jew riserva ma tista' ssir li **tippreġudika lill-kreditur** tal-ammont depożitat. Qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, Collez. Vol. XVIII II p. 195:—

"Atteso che l'offerta del pagamento, per essere valida, deve essere libera ed incondizionata; al debitore, cioe, non è lecito di opporre alcuna condizione o ri-

> serva **che non sia connaturale all'obbligazione** da essere estinta. . ."

L-espressjoni "connaturali alla obbligazione" — għad li l-awtur ma ġiex ċitat f'dik is-sentenza — ġiet aktarx meħuda mill-GIORGI, (Teor. Obbligaz. Vol. VII — papr. 270), li appuntu jgħid:—

> "Vincolata, non libera, sarebbe l'offerta se accompagnata da condizioni o riserve estrinseche, **le quali menomassero il diritto dei creditiori**; essendo lecito di mettere solament quei vincoli, si dicano condizioni, si dicano riserva che sono **intrinseci o connaturali all'obbligazione** da estinguere. . . . . .

Anki il-**Baudry** (Delle obbligaz. Vol. II p. 715) jgħid li ma humiex ammissibili r-riservi li **jikkompromettu d-drittijiet tal-kredutur**: *jgħid hekk*:—

> "Tutavia esse (offerte) sono valide anche se sono fatte con riserve che, SENZA COMPROMETTERE I DIRITTI DEL CREDITORE, dimostrano nel debitore l'intenzione di mantenere intatti i suoi diritti . . . . . ."

u jiċċita fin-nota diversi ġudikati tal-Qrati Franċiżi f'dak is-sens. *Anki l-**Laurent*** (*Princip*. Dto. Civ. Vol. XVIII — p. 159) jammetti biss ir-riservi dwar dak li **"spetta di diritto"** lid-debitur — u juża ukoll il-kliem "condizione giusta e ragionevole."

Ikkunsidrat:

**Issa**, fil-fattispeċje presenti, id-depożiti saru mis-subinkwilin li qatt ma ġew rikonoxxuti, b'espromissjoni tal-ker-

rej oriġinarju, mis-sid, u hu, għalhekk, intuitiv li l-kondizzjoni, apposta fiċ-ċeduli, fis-sens il għandha titħalla rċevuta skond il-liġi mill-iżbankanti (eredi tas-sid) **hija tali li tikkompromettihom, li tippreġudikalhom l-interessi tagħhom,** għax huma ma jridux jirrikonoxxu lis-subinkwilin, u għandhom kull dritt li ma jirrikonoxxuhomx, **anki kieku, ex hypothesi,** taw il-kunsens għas-sullokazzjoni, dippju, dik il-kondizzjoni hi waħda **li ma għandhomx dritt għaliha,** għax is-subinkwilin ma jistax jippretendi li jimponi fuq is-sid l-allaċċament ta' relazzjonijiet ġuridiċi miegħu, u, infine, hi tali li **ma** hijiex affattu konnaturali għal obbligazzjoni, appuntu għaliex ebda obbligazzjoni ma hemm bejn is-sid u s-subinkwilin sakemm dan ma jiġiex rikonoxxut mis-sid u l-kerrej oriġinarju jiġi espromess; (art. 1709, 1710 Kap. 23).

Ġa la darba, mela, dawk id-depożiti huma inattendibili bħala liberatorji għal finijiet tal-pagament, wieħed għandu issa jara għal finijiet tad-domanda, jekk kienx hemm l-interpellazzjonijiet rikjesti mill-artikolu ċitat supra;

Ġie pruvat li kien hemm iż-żewġ interpellazzjonijiet imsemmijin mil-Bord, ċioe, **għal skadenza waħda,** l-interpellazzjoni biż-żewġ ittri, u, għal l-iskadenza l-oħra, l-interpellazzjoni **verbali** tar-rikorrenti jew xi wħud minnhom;

Din il-Qorti ma taqbilx ma l-Bord li dawk l-interpellazzjonijiet ma humiex validi għax (kif qalet) l-ammont tal-kera kien illikwidu. Interpretazzjoni simili tkun qeda tintroduċi fil-liġi rigoriżmu li ma hux ġustifikat la bl-ittra u lanqas bl-ispirtu tagħha. Il-liġi tgħid "failed to pay punctually the rent due." Iż-żewġ ittri eżibiti appuntu jitolbu l-ħlas **tal-kera dovut.** Hu ntuitiv li anki d-domanda personali, imsemmija fix-xhieda, kienet **għall-kera dovut.** Hawn non si tratta tal-applikazzjoni tal-massima **in liqui-**

**dandis non fit mora,** għax l-ammont tal-kera annwu ma kienx affattu in disputa, u n-numru ta' l-iskadenzi dovuti kien muri mil-librett tal-kera — li ebda diffikolta ma nstabet, kwantu għal ammont li kellu jiġi depożitat, meta saru iċ-ċedoli ġa msemmijin. Kien ikun divers il-każ kieku **si trattava ta'** ammont ta' kera li kien in kontrasto bejn il-partijiet għax mhux stabbilit, jew li kieku kien hemm bejniethom xi kwistjoni fuq l-irċevuti. F'dan il-każ, meta ntalab il-ħlas **tal-kera dovut,** dan kien paċifiku fl-ammont ta' seba' liri fis-sena, u n-numru ta' l-iskadenzi mhux imħallsa kienu jirriżultaw mill-kwintern tal-irċevuti, — **ma kien hemm xejn il-likwidu.** Jiġi rilevat li l-liġi ma tgħidx affattu li fl-interpellazzjoni l-kreditur ossija lokatur għandu jispeċifika, **tot idem verbis,** l-ammont dovut, u mhux leċitu li l-liġi tiġi alterata "nostris injectis distinctionibus."

Għalhekk, kien hemm nuqqas ta' ħlas tal-kera għas-sens tal-art. 10 fuq ċitat. B'daqshekk, is-sidien akkwistaw id-dritt li jitolbu r-ripresa tal-possess tal-fond.

Għalhekk tideċiedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, u tilqa' t-talba, u tagħti lill-intimat nomine, għal finijiet ta' l-iżgumbrament, it-terminu ta' xahrejn mil-lum.